Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT G 10/10 (JE).

Nicholas u Diana Grech

vs

V.Sarè & Sons Marbleworks Ltd. (C 31068).

Illum, 9 ta' Marzu 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Nicholas u Diana Grech tas-22 ta' Settembru 2008 fejn talbu illi s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tirrifondi lill-atturi l-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgħa u disgħin euro 6 ċenteżmi (€ 3,494.06) rappreżentanti parti mill-prezz għat-twaħħil u installazzjoni tat-taraġ ta' l-irħam fil-fond tal-atturi wara li rriżulta illi s-soċjetà konvenuta ma pprovdietx irħam ta' kwalità tajba kif pattwit bejn il-partijiet stante illi dan l-irħam ittebba' wara ftit żmien kif ukoll talli l-istess soċjetà konvenuta naqset li tissupplixxi u tuża materjal ta' kwalità tajba għax-xogħol tat-twaħħil ta' l-irħam u naqset li tiżgura li x-xogħol kollu jsir skond l-arti u s-sengħa.

B'talba addizzjonali għal danni morali fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro 94 ċenteżmu (€ 232.94) minħabba l-effett ta' l-irħam in kwistjoni fuq id-dehra estetika tal-kaxxa tat-taraġ tal-fond tal-atturi.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha stqarr illi huwa kien ipprova jiddiswadi lill-atturi milli juża l-materjal bianco carrara għax dan seta jinbidel biż-żmien. Kien issuġġerilu erba' tipi ta' granit bħala alternattiva bl-istess prezz li fuqhom setgħa jagħti garanzija imma l-atturi baqgħu jinsistu fuq irħam carrara. Stqarr ukoll illi l-atturi kien il-ħin kollu preżenti waqt it-twaħħil ta' l-irħam, tant illi dritt ħallsu ta' kollox.

Sema l-provi tal-partijiet, ra r-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti u aċċeda fil-fond fejn tpoġġa t-taraġ mertu ta' dina l-kontroversja fl-20 ta' Jannar 2012.

Ikkunsidra.

Illi fl-ewwel lok, peress illi ma jidhierx illi ngħata provvediment fir-rigward mt-Tribunal kif preċedentement ippresjedut, dan it-Tribunal jidhirlu illi għandu jammetti l-produzzjoni da parti tal-atturi tar- rapport ex parte ta' l-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto tat-23 t'April 2010 u jiċħad ir-rikors tas-soċjetà konvenuta tad-29 t'April 2010 għall-isfilz ta' l-istess. It-Tribunal huwa liberu illi jirregola l-proċedura tiegħu u huwa fl-interess tal-ġustizzja illi tiġi prodotta kwalunkwe prova ta' natura teknika, anke fi stadju tardiv. Dan meta s-soċjetà

konvenuta kellha kwalunkwe opportunità illi tissoġġetta l-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto għall-kontro-eżami jew tippreżenta rapport tekniku ex parte imma naqset li tagħmel hekk.

Illi din hija storja sfortunata illi tiġri ta' spiss fil-kamp ta' tqegħid ta' rħam u granit. Illi si tratta minn materjal li għalkemm iebes, huwa ferm poruż b'konsegwenzi spiss negattivi fuq id-dehra tal-materjal imqiegħed. It-Tribunal irid jibda billi jgħid illi ma hux konvint bil-konklużjonijiet tal-perit tekniku u kif inhu magħruf, m'huwiex tenut illi joqgħod fuq tali risultanzi.

B'differenza mill-konklużjonijiet tal-perit tekniku, it-Tribunal huwa pjuttost propens illi jasal għall-konklużjoni illi t-tbajja illi dritt dehru fit-taraġ wara t-tqegħid tiegħu huma r-riżultat tal-materjal li ntuża f'tali tqegħid. L-atturi allegaw, u s-soċjetà konvenuta ma ġabet l-ebda prova in kontradizzjoni, illi Robert Sarè attribwixxa dak li ġara fl-irħam għar-ramel li ntuża fit-taħlita mas-siment għat-twaħħil, peress illi r-ramel kien mielaħ u ta' kwalità fqira. Illi ċertament is-soċjetà konvenuta jidher illi ħadet iż-żmien tagħha biex qegħdet dan l-irħam u għalhekk messha ħadet il-briga li jkollha a disposizzjoni ramel ta' kwalità adekwata jew tqiegħdu b'mod alternattiv.

Illi dina l-ipotesi hija avvalata bil-fatt illi z-zokklu illi twaħħal bil-kolla baqa' fl-istat pristin. Inoltre, indani oħra ta' l-istess taraġ illi ġew forniti minn terzi imma mqiegħda mill-istess persuni ma wrewx l-istess titbiegħ. Għaldaqstant, it-Tribunal huwa moralment konvint illi l-materjal fornit ma kienx difettuż u li ġara m'hux minħabba r-residwi ta' ħadid fl-irħam imma minħabba li ma tittieħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa waqt it-tqegħid. It-Tribunal ikkonferma dina l-ipotesi meta fuq mistoqsija tiegħu, Robert Sarè ma kienx f'posizzjoni jispeċifika jekk intużax siment iswed jew abjad fit-taħlita tat-tqegħid meta huwa paċifiku illi f'xogħol delikat ta' dina n-natura, l-użu ta' siment abjad huwa ferm rakkamondabbli.

Illi peress illi s-soċjetà konvenuta kienet responsabbli għat-tqegħid tal-irħam in kwistjoni, ma tistax tesimi ruħha mir-responsabilità tagħha għaliex l-atturi għażlu l-materjal in kwistjoni għalkemm sarietilhom offerta ta' materjal alternattiv. Fl-ewwel lok, m'hemm l-ebda garanzija illi l-użu ta' tali materjal alternattiv ma kienx se jkun nieqes mill-problemi u fit-tieni lok, ġaladarba s-soċjetà konvenuta aċċettat illi tforni u tqiegħed dan l-irħam bianco carrara, ma tistax issa taħsel idejha billi tgħid illi kienet wissiet lill-atturi illi l-materjal kien ser jittebba' meta n-nuqqas jidher illi huwa attribwibbli għat-tqegħid ta' l-istess materjal.

Illi l-atturi talbu rifużjoni ta' l-ammont imħallas sal-massimu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi l-azzjoni attriċi tidher illi hija msejsa fuq l-artiklu 1390 tal-Kap. 16 meta l-bejgħ ta' materjal ma jkunx tal-kwalità pattwita. Ma saret l-ebda allegazzjoni ta' difett moħbi illi jagħti lok għal *actio redhibitoria* jew l-*actio aestimatoria* taħt l-artiklu 1424 u 1425 tal-Kap. 16. Issa t-Tribunal huwa aktar propens illi jħares lejn it-transazzjoni in kwistjoni bħala kuntratt t'appalt milli kuntratt ta' bejgħ u kunsinna ta' rħam *sic et simpliciter*.

Illi fil-każ odjern, l-anqas ma jidher illi huwa prattikabbli kwalunkwe rimedju jekk m'hux it-tibdil tat-taraġ in kwistjoni jew it-tqegħid tiegħu mill-ġdid jekk ikun possibli illi wieħed jaqilgħu bil-galbu. Illi anke s-soċjetà konvenuta ma offrietx illi tbiddel ħlief erba' tarġiet tat-taraġ in kwistjoni. Illi għaldaqstant it-Tribunal jidhirlu illi huma applikabbli l-estremi kkontemplati fl-artiklu 76 tal-Kap. 378 u għalhekk *arbitrio boni viri* qiegħda tilqa' in parti t-talbiet attriċi u tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500). Bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet ħlief għal dawk tal-perit tekniku li għandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.